MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2006

Numru. 575/2002

Il-Pulizija
Spettur Frans Micallef
vs
Alexander Vella

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f'Tas-Sliema nhar id-9 ta' Marzu 2002, ghall-habta tas-1.00pm. ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Warden Officer Daniel Briffa;

Talli wkoll fl-istess data, hin u cirkustanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn LM50 izda anqas minn LM500 (Sec 221 (1) ch. 9, Sec. 325(b) ch.9);

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat

iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, d-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet ukoll lill-imputat fuq imsemmi jixhed minn jeddu u bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi jirrizulta mill-provi prodotti illi fid-9 ta' Marzu, 2002 certu Daniel Briffa li dak iz-zmien kien Warden fuq l-area ta' Tas-Sliema irrapporta lill-pulizija li kellu incident ma Alexander Vella. Huwa qal li kien hariglu citazzjoni, argumenta mieghu u ghamillu feriti, kif ukoll hsara fl-apparat li juza fix-xoghol tieghu. Meta l-Ispettur Micallef kellem lill-imputat dan cahad l-allegazzjonijiet kollha u qal illi kien qieghed jigi iffittat minn dan il-Warden u meta rah jaghmillu citazzjoni hareg u staqsih ghaliex kien il-hin kollu imur wara l-proprjeta tieghu u jaghmillu citazzjonijiet. Dwar l-apparat Vella cahad li kien kissirulu, imma qal illi l-apparat kien waqa' waqt l-incident.

Illi xehed Daniel Briffa l-allegat vittma u qal illi dakinhar in kwistjoni kien irceva rapport minghand il-Base Station fis-sens illi kien hemm zewg vetturi ipparkjati quddiem il-Vino Veritas fuq il-bankina tas-Sliema. Mar fuq il-post, hares lejn dawn iz-zewg vetturi u iltaqa mal-authorised officer tieghu David Soler li qallu biex jirrapporta lil dawn iz-zewg vetturi. Ix-xhud dar ma dawn iz-zewg vetturi u beda johrog ic-citazzjonijiet fuqhom it-tnejn. Kif hareg l-ewwel citazzjoni hareg sid il-vettura. Dan ha it-ticket u telaq 'l hemm. Ezattament kif hareg it-tieni citazzjoni, hareg sid il-vettura mill-hanut Vino Veritas u dan kien l-imputat prezenti fl-awla, li beda jghajjat u iwerzaq u joffendih bi kliem oxxen. Beda wkoll jghajjat u jidghi. Briffa xehed illi l-imputat qallu jekk ma thassarx dawn it-tickets insibek u

noqtlok. Briffa xehed illi t-ticket diga kien gie issavejat u xorta kien bi hsiebu johrogulu l-imputat u poggielu t-ticket mal-windscreen. Dak il-hin mar fuq wara tal-mutur u pogga l-hand held computer fil-kaxxa tal-mutur. L-imputat gie warajh, qabadlu l-computer u sabbatulu mal-art u kisru. L-imputat kompla jghajjat u iwerzaq u tah ukoll daqqa ta' ponn go wiccu. Ix-xhud qal illi ikkuntattja l-bazi u qalilhom b'dak kollu li kien gara. Huma gew ghalih u haduh il-polyklinika fejn ghamlulu certifikat mediku. Ix-xhud dwar il-computer qal illi kien poggih fil-kaxxa u mhux fuq il-kaxxa. Ix-xhud qal ukoll illi dak il-hin kien hemm is-Sur David Soler authorised officer li kien minghajr uniformi u dan qaghad ihares, ma dahalx fil-kwistjoni u kien xi hames, jew sitt metri 'il boghod minn fejn gara l-incident.

Illi xehed Dr Kevin Camilleri u qal illi l-hsarat ikkagunati fuq il-computer kienu jammontaw ghal seba' mija u tletin lira u erba' u sebghin centezmu.

Illi xehed David Soler u qal illi dakinhar in kwistjoni ra lil warden jaghti t-tickets lil zewg vetturi. F'hin minnhom hareg sid l-istabbiliment Vino Veritas illi beda jilmenta mal-Warden. Soler xehed illi ma setghax jifhem x'kien qieghed jinghad ghaliex kien xi hamsin metru 'l boghod. Biss meta gholla l-vuci semgha lill-imputat jghid kliem bhal "Ara ma taghmillix ticket, ara x'ser taghmel". Umbaghad dan dahal fil-vettura tieghu u mar jipparkja, rega' gie lura u rega' beda jghajjat u jhedded lil Warden. Meta l-Warden qallu li t-ticket kien diga harigulu, rega' argumenta mal-Warden, qabadlu l-computer u sabbatulu ma l-art. Il-Warden gabar l-apparat biex jitfghu fil-motor cycle bil-but ta' wara, imma l-imputat rega' qabad l-apparat u rega' tefghu fil-motor cycle, fil-kaxxa tieghu. Umbaghad refa' idejh fuq il-Gwardjan u hu intervjena u qallu "Ara x'ser taghmel, ara x'int taghmel ghax din offiza serja li terfa idejk fuq ufficjal pubbliku". Skond ix-xhud wara li kellmu l-imputat dahal fir-restaurant igorr u l-Warden kompla jaghmel xogholu. Huwa gharaf lill-imputat bhala s-sid tal-Vino Veritas li issemma fix-xhieda tieghu. Huwa xehed illi l-kliem tat-theddid kien "Ara li thassar it-ticket, ara x'ser taghmel".

Illi xehed l-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament. Huwa qal illi dakinhar kien mar ir-restaurant tieghu il-Vino Veritas, dahal bil-basket biex jaghtih lill-haddiema tieghu u rega' hareg immedjatament u sab il-mutur tal-Warden ipparkjat quddiem ir-restaurant ma gemb il-vettura tieghu. Kif ra lill-Warden qallu "sejjer issa". Fetah il-bieba tal-karozza u kif kien sejjer il-Warden qallu li bil-fors kellu jaghtih ticket. Vella xehed illi l-Warden kien ilu imqabbad mieghu u ma ta' ma gembu. Huwa xehed illi l-Warden ma hallihx jitlaq u beda johrog l-apparat minn dik il-kaxxa tal-mutur ta' wara biex jaghtih it-ticket u hu qallu "Jien sejjer". Il-Warden qallu "Le ma tistax tmur" u bdew jillettikaw. L-imputat xehed illi l-Warden beda ixxejjer idejh u hu l-istess xejjer idejh bir-rabja. Hu jahseb illi accidentalment laqtu fuq il-helmet b'idejh, pero' cahad li tah daqqa ta' ponn, ghaliex li kieku ma kienx jaghtih daqqa ta' ponn fuq il-helmet. L-imputat xehed illi l-Warden waqalu l-computer minn idejh u dan ma jafx kif gara ghaliex hu beda jghid li kellu ferita f'wiccu u hu ma kienx laqtu f'wiccu. Il-warden baqa' jinsisti li ried jaghtih it-ticket. Meta waqghalu l-computer il-warden ippanikja u l-imputat xehed illi jahseb li anke hu ippanikja. Il-warden telaq u hu telaq ukoll. It-ticket qatt ma ircevih izda irceva minghand il-pulizija li resquh il-Qorti. L-imputat xehed illi huwa ma messx il-computer tal-Warden b'idejh u lanqas mess lill-Warden b'idejh. Kif il-Warden kien qieghed jitbaxxa biex igib il-computer l-imputat xehed illi ghamel mossa b'idejh u laqtu fuq il-helmet. Dwar Soler l-imputat xehed illi dan kien qieghed 'il boghod hafna u x'hin gara l-argument gie hdejhom. Pero' waqt li sehh l-incident kien boghod minnhom u meta gie il-Warden qallu "itlaq u mur ghamel xogholok". Qallu "ghamel dak li ghandek taghmel issa." L-imputat xehed illi ma jafx x'ried jghid biha dak il-hin il-Warden. L-imputat kompla jixhed illi minkejja l-fatt illi Soler xehed illi rah isawwat il-warden u ikkissirlu l-computer huwa jibqa jghid illi Soler kien sebghin metru 'il boghod minn fejn sehh l-incident.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti tara illi x-xhieda li ta l-imputat mhijiex kredibbli. Huwa cahad illi ta daqqa ta' ponn lill-Warden u qal illi

huwa tah daqqa fuq il-helmet, mentri Daniel Briffa esebixxa certifikat mediku datat 9 ta' Marzu, 2002, dakinhar ta' l-incident, fis-sens illi il-warden kien sofra griehi fin-naha tax-xellug ta' wiccu (fol. 21 tal-process).

Illi x-xhieda li ta' Daniel Briffa kienet wahda konsistenti u veritiera. Din ix-xiehda giet kollaborata minn David Soler u dan minkejja il-fatt illi Soler ma specifikax l-istess kliem ta' theddid illi semma Briffa. Wiehed irid jikkonsidra l-fatt illi Soler kien ftit 'il boghod minn fejn gara l-incident u ghalhekk ma kienx qieghed jisma l-kliem kollu li kien ghaddej u dan xehdu hu stess, qal "jien ma stajtx nifhem x'kien qed jinghad ghax kont xi hamsin metru 'il boghod. Biss meta gholla l-vuci smajtu jghid kliem bhal "Ara ma taghtinix ticket, ara x'ser taghmel". Soler xehed car u tond illi ra lill-imputat jargumenta mal-Warden, jaqbadlu l-computer u isabbatulu mal-art, wara li l-Warden gabar il-computer mill-art, ra lill-imputat jerga' jaqbad l-apparat tal-Warden u jerga' jitfghu fil-kaxxa tal-motor cycle. Umbaghad rah jerfa idejh fuq il-warden u kien hemmhekk illi Soler intervjena u wara li hu intervjena l-imputat dahal fir-restaurant igorr.

Illi meta xehed l-imputat, wera l-antagonismu li kellu lejn Briffa meta xehed "nghid illi dan kien ilu imqabbad mieghi u ma ta' magembi wkoll ghax jigu id-deliveries ghandi u ghand ta' hdejja u ma jhallihomx ihottu il-Warden. Fil-fatt lili ma ihallinix nitla fil-karozza u nitlaq 'l hemm." L-imputat xehed illi meta l-Warden qallu li ried jaghtih ticket hu qallu "Jiena sejjer". Il-Warden qallu li ma setghax imur u bdew jillettikaw. Ammetta wkoll illi xejjer idejh fir-rabja ghaliex hass li ma kien ghamel xejn hazin u deherlu li ma kien kiser l-ebda ligi ghaliex kien mar hemmhekk ghax-xoghol. L-imputat umbaghad xehed illi jahseb li accidentalment laqat lill-Warden fuq il-helmet b'idejh.

Illi jirrizulta car mix-xiehda li ta l-imputat illi jippretendi li jista jaghmel li irid u jekk jipparkja mhux skond il-ligi l-ebda Warden, jew xi haddiehor ma jista jaghtih ticket u dana peress illi skond hu kien qieghed fuq xoghol.

Illi kien proprju dan l-attegjament arroganti tal-imputat illi wassal ghall-incident in kwistjoni.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti tara li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-akkuzi kollha migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi u ghaldaqstant wara li l-Qorti rat l-Artikoli 221 (1) u 325 (1) (b) tal-Kap. 9 il-Qorti qeghda issib lill-imputat fuq imsemmi hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Illi, ghall-fini ta' piena, l-Qorti ikkunsidrat il-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali netta u ghalhekk jisthoqlu li jinghata l-ahhar opportunita sabiex jirriforma hajtu u jaqbad it-triq it-tajba, ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 446, filwaqt illi tilliberah, tobbligah illi ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilita tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------